# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XXI**
**Illum it-Tnejn, 26 ta' Frar, 2001**

**Appell Nru 141/2000**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Angelo Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Angelo Camilleri talli fl-10 ta' Lulju, 1997, ghall-habta ta' 9.45 p.m. fi triq Blue Grotto Avenue, Zurrieq, saq vettura numru IAE-895 (**1**) b'manjiera traskurata, (**2**) bla kont, (**3**) u aktar b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tajjar lil Katia Zammit u involontarjament ikkagunalha offizi ta' natura gravi per durata skond kif iccertifika Dr. Adrian Micallef M.D. tal-Isptar San Luqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Gunju, 2000, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Angelo Camilleri hati skond l-ewwel imputazzjoni u skond it-tielet imputazzjoni (bl-assorbiment ta' l-ewwel imputazzjoni fit-tielet wahda), izda lliberatu mit-tieni imputazzjoni, u kkundannatu multa ta' mitejn lira (Lm 200);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Angelo Camilleri, minnu ppresentat fit-8 ta' Gunju, 2000, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrigwarda incident li sehh fi Blue Grotto Avenue, iz-Zurrieq, nhar l-10 ta' Lulju, 1997. Mill-kumpless tal-provi jidher li t-tfajla Katia Zammit f'hin minnhom iddeciet li taqsam it-triq pjuttost ghal gharrieda u tigri, peress li rat kelb imdaqqas u bezghet minnu. Dak il-hin kien ghaddej isuq il-vettura tieghu l-appellant Camilleri, li kif ra t-tfajla taqsam tigri ghafas il-*brake*, gibed lejn ix-xellug biex jevitaha, u waqqaf il-karozza, izda fl-istess hin li waqqaf jew sekonda qabel kien hemm impatt bejn it-tfajla u l-imsemija vettura. B'risultat ta' dana l-impatt it-tfajla garrbet ksur fil-ghadam. Jinghad mill-ewwel li ma hux car jekk l-impatt sehhx waqt li l-vettura kienet ghada "in

motion" jew jekk dana sehhx <u>wara</u> li l-vettura waqfet b'mod li teknikament kienet it-tfajla li dahlet fil-vettura li kienet wieqfa. Effettivament din il-parti tad-dinamika mhix daqs tant importanti ghall-ezitu tal-kaz, fis-sens li anke jekk l-impatt sehh meta l-vettura kienet diga wieqfa jista' jkun hemm responsabbilta` tas-sewwieq ghall-habta jekk hu kien negligenti fis-sewqan u l-impatt sehh b'risultat ta' dik in-negligenza.

L-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, filwaqt li rrikonnoxxiet li t-tfajla hasdet lis-sewwieq (Camilleri) bil-mod inkonsult li qasmet, xorta wahda sabet htija fl-appellant minhabba li – dejjem skond l-ewwel qorti – hu kien ghaddej b'velocita` eccessiva u "ma kienx bizzejjed attent" (jigifieri ma kienx qed izomm "a proper lookout").

L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, li hu b'ebda mod ma jista' jitqies li hu responsabbli ghall-habta peress li sewqan tieghu kien, minn kull aspett, wiehed regolamentari u prudenti.

Kif inhu risaput, din il-Qorti ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti; jekk din il-qorti tara li a bazi tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel qorti hija setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha, din il-Qorti ma tirrimpjazzax dak l-apprezzament bl-apprezzament taghha. Izda jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-ewwel qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dak l-apprezzament u l-konkluzzjoni relattiva (ara, fost, ohrajn ***Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi***, App. Krim. 14/2/89, ***Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace***, App. Krim. 31/5/91, ***Il-Pulizija v. Anthony Zammit***, App. Krim. 31/5/91, u ***Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul***, App. Krim. 12/5/94).

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha, hi tal-fehma li l-ewwel qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li l-appellant kien b'xi mod kriminalment responsabbli ghall-incident. Kemm mid-deposizzjonijiet ta' l-appellant u tal-passiggier li kellu mieghu, kif ukoll – u aktar importanti – mill-*brake marks* li halliet il-vettura ta' 10.7m jidher li l-velocita` li kien ghaddej biha l-appellant kienet entro l-limiti ta' dak li hu permess mill-ligi ghall-lokalita` in kwistjoni; u anqas ma hemm xejn x'jindika li tali velocita` kienet altrimenti b'xi mod mhux konsiljata ghall-lokalita`, hin u cirkostanzi ohra tal-mument. Veru li l-vettura waqfet proprju quddiem il-kelma "slow" mizbugha fuq il-wicc tat-triq, pero` dan il-fatt wahdu ma jfissirx li l-appellant kien qed isuq "b'mod eccessiv" (kif qalet l-ewwel qorti fis-sentenza taghha). Meta xehed l-Ispettur Stephen Micallef fis- 7 ta' Dicembru, 2000 huwa ma setax jghid fejn kienu jinsabu z-zewg sinjali l-ohra "slow" mizbugha fuq wicc it-triq, u cioe` jekk hux qabel jew wara dik li quddiemha waqfet il-vettura ta' l-appellant.

Anqas ma hemm xejn x'jindika li l-appellant ma kienx qed izomm "a proper lookout". Kollox, invece, jindika li t-tfajla Katia Zammit, bil-mod sgarbat li bih qasmet it-triq (sforz tal-biza' li hakimha meta rat il-kelb gej lejha), holqot "a sudden emergency" ghas-sewwieq li kien qieghed altriment jsuq b'mod

korrett u attent. Il-Qorti tosserva in partikolari li fil-kopja ta' l-okkorrenza ezibita quddiem l-ewwel qorti (okkorrenza maghmula mill-imsemmi Spettur Micallef meta kien ghadu surgent) jinghad espressament hekk: "Ta min jinnota li fit-triq imsemmija hemm nuqqas ta' dawl. Ma gewx osservati ksur tar-regolamenti tat-traffiku" (sottolinear ta' din il-Qorti). Dana n-nuqqas ta' dawl adegwat x'aktarx, fil-fehma ta' din il-Qorti, ikkontribwixxa ghall-emergenza li gie rinfaccjat biha l-appellant.

Kollox ma' kollox, din il-Qorti tara li ma jistax jinghad li gie ppruvat, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-appellant kien traskurat fis-sewqan tieghu. Anzi, kollox jindika li l-incident sehh unikament minhabba l-mod imgerfex li bih Zammit qasmet it-triq.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond l-ewwel u skond it-tielet imputazzjonijiet, kif ukoll fejn ikkundannatu multa ta' mitejn lira, u minflok tilliberah minn dawn l-imputazzjonijiet u minn kull piena inflitta; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur